# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 10**

**Ċitazzjoni numru 740/03 FS**

**Mario Micallef**

**v.**

**Philip Caruana u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2003 Omnibus Pool intervjeniet fil-kawza in statu et terminis, u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2019 stante l-mewt ta' Philip Caruana l-kawza tissokta fil-persuna ta' Jacob u Neil ahwa Caruana ulied il-mejjet Philip Caruana u stante li dawn huma minorenni, il-Qorti ordnat li l-istess minuri jkunu rapprezentati minn ommhom Marvic Borg u l-amministratur Emanuel Ellul li jidhlu fil-kawza fil-kwalita` rispettiva taghhom**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-19 ta' Novembru 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

"**A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tar-rikorrent li permezz taghha ippremetta:

"Illi fl-24 ta' Ottubru 2001, filwaqt illi l-imsemmi konvenut Philip Caruana kien qieghed jsuq ix-*charabanc* tieghu numru tar-registrazzjoni EBY531 gewwa *National Road*, *Blata L-Bajda*, b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, baqa' diehel fil-mutur tal-marka *Peugeot* bin-numru tar-registrazzjoni HAW039, proprjeta` ta' l-attur u misjuqa minnu kawza danni u ingurji gravi lill-istess attur.

"Illi bhala konsegwenza ta' l-imsemmi kollizjoni u *oltre* d-danni materjali u diretti sofferti mill-attur fl-imsemmi mutur tieghu, l-attur korra serjament fl-istess incident u sofra disabilita` permanenti kif gie debitament stabilit fic-certifikat anness mac-citazzjoni mahrug mill-kirurgu Anthony Bernard.

"Illi ghalhekk minhabba l-incident stradali fuq imsemmi, l-istess attur sofra u qieghed isofri u sejjer ikompli jsofri danni ingenti.

"Illi ghal dan l-incident u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur huwa responsabbli l-istess konvenut billi l-istess konvenut kien qieghed isuq bi traskuragni, imperizija u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

"Billi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kawzati, il-konvenut baqa' inadempjenti.

"L-attur talab lill-Qorti:

"1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident ossija kollizjoni tal-24 ta' Ottubru, 2001 gewwa *National Road*, Blata l-Bajda, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

"2. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur, previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

"3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment skond id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dawk tal-konsulti u spejjes extra-gudizzjarji kontrattati mill-attur mal-konsulent legali tieghu ammontanti ghal Lm57.50c, u bl-imghax legali minn dik id-data li tigi appozitament stabilita minn din il-Qorti fis-sentenza taghha sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

“Rat ir-*road accident report* a fol 5 et tal-process u l-*medical report* ta’ Mr. Bernard a fol 9 tal-process.

“Rat id-dokumenti minn “C” sa “O” esebiti mill-attur a fol 18 sa 34.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

“Rat li l-konvenut gie debitament notifikat kif jirrizulta minn fol 14 u 16 tal-process.

“Rat ir-rikors ta’ l-14 ta’ Novembru, 2003 ta’ l-Omnibus Pool biex tintervjeni *in statu et terminis*, liema rikors gie degretat fis-17 ta’ Novembru, 2013 billi ntlaqghet it-talba.

“**B. PROVI:**

“Rat li fis-26 ta’ Novembru, 2003 gew nominati Dr. Simon Micallef Stafrace u Mr. Charles Grixti.

“Rat in-nota ta’ rilievi ta’ l-intervenut fil-kawza Omnibus Pool a fol 43 fejn espona li:

“1. L-ewwel talba ta’ l-attur ghandha tkun michuda *stante* li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara htija ta’ l-attur stess.

“2. It-tieni talba ghalhekk ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur.

“3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi ma hemmx lok ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni lill-attur.

“Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati minn Omnibus Pool.

“Rat ir-rapport ta’ Mr. Charles Grixti li fih ikkonkluda:

> ““Mario Micallef sofra ksur tal-klavikula tal-lemin li ma ghaqditx meta giet trattata b’mod konservattiv izda ghaqdet wara operazzjoni li saritlu f’Marzu, 2003. Huwa rkupra tajjeb fil-muviment ta’ l-ispalla u b’kunfidenza jista’ jerga’ lura ghax-xoghol li kien jaghmel. Ta’ min wiehed jikkonsidra l-fatt li l-pjanca u l-viti jridu jitnehhew f’operazzjoni ohra.

““Jien nistma d-dizabilita` li sofra Micallef b’kagun ta’ l-accident li kellu fl-24 ta’ Ottubru, 2001 ta’ 3%.””

“Rat li fit-23 ta’ Gunju, 2004 l-attur talab in-nomina ta’ periti perizjuri, u li b’digriet tad-9 ta’ Gunju 2005, gew nominati t-tobba kirurgi Mr. Frederick Zammit Maempel u Mr. Massimo Abela.

“Rat ir-rapport ta’ Mr. Frederick Zammit Maempel u Mr. Massimo Abela fejn semmew:

““**Kumment**: Ahna ezaminajna lis-Sur Micallef hamsin xahar wara l-incident. Micallef kiser ghadma fil-qrib ta’ lis-spalla leminija, li kien jehtigilha operazzjoni biex ghaqdet. L-ghadma fieqet sewwa, u fil-prezent baqa’ prominenza zghira, li parti minnha tigi mill-pjanca. Baqa’ wkoll nuqqas ckejken fil-moviment ta’ spaltu leminija, li hu rifless fil-muskolu *infraspinatus* li jidher kemmxejn mixrub. Dan ghandu effett avversarju zghir fuq il-funzjoni tad-driegh li mhux probabbli li jitjieb ’l quddiem. Fil-fehma taghna, is-Sur Mario Micallef garrab dizabilita` permanenti stimata ta’ 2% (tnejn fil-mija) bhala rizultat ta’ l-incident ta’ Ottubru 2001.””

“Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Simon Micallef Stafrace li fih issemma fl-ahhar parti tieghu:

““10. Dwar il-modalita` ta’ l-incident, l-attur spjega:

““Jiena wasalt hdejn il-mina tal-Bombi izda ma ghaddejtx minn taht il-mina izda ghaddejt mill-karreggjata ta’ max-xelug tal-mina, cioe` l-karreggjata tan-nofs. Din il-karreggjata hija wiesgha hafna. Kont migbud lejn il-gemb xellugi ta’ dik il-karreggjata. Jiena skorrejt il-mina f’dik il-posizzjoni u hekk kif skorrejtha, smajt il-hoss ta’ magna u rajt id-dawl ta’ vettura ohra gejja warajja. Kif dawwart wicci lejn il-lemin rajt il-gemb ta’ xarabank hdejja. Ix-xarabank kienet qed taghfas fuqi. Jiena thassibt, harist ’l quddiem u ergajt harist mal-gemb. Kif harist (it-tieni darba) l-istaffa tax-xarabank kienet ezatt hdejja u x-xarabank tatni daqqa fuq il-*handle-bar* – tal-lemin tal-mutur u baghqet taghfas mieghi.

““Hekk kif gara hekk jiena tlift il-kontroll tal-mutur u waqajt kwazi immedjatament.

““11. Din il-versjoni ahharija tal-attur tippostula l-problema semplici ta’ spazju. Jigifieri waqt li huwa kien qed isuq fil-karreggjata in kwistjoni u ghadda ma’ genb il-mina u beda jiskorri l-mina, l-attur jghid li sema hoss ta’ magna. Allura ghandna identifikazzjoni ta’ fejn beda l-incident (mhux l-impatt izda kellna bidu ta’ movement ta’ vetturi javvicinaw lil xulxin). Wara sar impatt mal-istaffa tax-xarabank.

““12. Hemm ghalhekk diskrepanza importanti fil-versjonjonijiet tal-partijiet. Waqt li l-attur jghid li kien qed isuq fil-karreggjata tan-nofs (ghalkemm aktar lejn ix-xellug tal-karreggjata) u ntlaqat mix-xarabank waqt li dan kien qed jghaddi bejnu u l-mina; il-konvenut jaqbel li qabez lill-mutur izda li l-mutur kien fuq il-karreggjata tax-xellug u kien il-mutur li qaleb il-lane u dahal fih.

““13. L-iskizz tal-pulizija, ghalkemm huwa wiehed approsimattiv hafna jikkonferma l-*finishing position* tal-vetturi bix-xarabank kwazi mitluq kompletament mill-mina u l-mutur mal-parti ta’ quddiem lemin tax-xarabank.

““14. Il-konkluzjoni ta’ din il-perizja tirrivolvi madwar id-distanza li hemm bejn il-mina u l-karreggjata ta’ ma’ genbha fuq ix-xellug. Xarabank jinsaq fuq din il-karreggjata certament tiehu spazju kbir. Tiehu spazju tali li jista’ jinghad li x-xarabank kwazi kwazi jimla l-karreggjata b’mod shih. Dan ifisser li ma tantx ihalli spazju ghal vetturi ohra fl-istess karreggjata. Dan irid jigi ezaminat ukoll fil-kuntest ta’ sewwieq li jkun qed jara dak kollu li qed jigri quddiemu.

““15. Issa, r-regolamenti tal-*proper look out* huma cara daqs kristall u ssir referenza hawnhekk ghal kuncett ta’ *proper look out* kif elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qrati Inglizi **Newhaus ND vs Bastion Insurance Co. Ltd** (1968) fejn gie ritenut li:

> ““*Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side and in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*.””

““16. Ghalhekk fid-dinamika ta’ dan l-incident irid jigi ezaminat jekk il-konvenut zammx *a proper look out* fis-sens jekk kienx *aware* ta’ dak kollu li qed jigri madwaru. Tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien qed isuq fuq karreggjata dritta u li kellu l-intenzjoni li jibda sejjer dritt, jidher li l-*proper look out* tieghu kien tajjeb. Infatti, huwa stess jiddikjara li l-mutur misjuq mill-attur rah, pero` dan kien fuq ix-xellug tieghu, fuq il-karreggjata tax-xellug u hu kien qed jaqbez dan il-mutur. Dan ifisser li l-konvenut kien *aware* tal-presenza ta’ l-attur.

““17. Dwar is-sewqan ta’ l-attur hemm elementi li huma skoncernanti. L-ewwelnett il-pozizzjoni minnu mistqarra fuq il-karreggjata tan-nofs izda aktar lejn ix-xellug ta’ l-istess karreggjata mhix certament posizzjoni adegwata ghal-lokalita’. Sewwieq ta’ mutur ghandu kull dritt li jkun f’karreggjata shiha u m’ghandux ipoggi lilu nnifsu ma’ genb ta’ l-istess karreggjata aktar u aktar meta ghandek karreggjata li ser tibqa tiehu fi dritt. Hawn jigi l-kwezit: seta’ l-incident sehh kif gie spjegat mill-attur ossia li waqt li kien gja ghadda l-mina sema l-hoss ta’ magna, hares warajh, rega hares lejn il-lemin u ra x-xarabank taghfas fuqu u ftit wara tlaqat mill-istaffa? Naturalment l-affarijiet setghu graw kif spjega l-attur izda ma jidhirx li l-fatti tal-fatt jistghu jwasslu ghal din il-konkluzjoni tenut kont ta’ fattur wiehed importanti – il-wisgha bejn l-arkata tal-Bombi u l-karreggjata fuq ix-xellug ta’ l-istess arkata.

““18. Hija ghalhekk l-umli fehma ta’ l-esponenti li ghal dan l-incident kien jahti unikament l-attur minhabba nuqqas ta’ *lane discipline*.””

## “C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

“L-attur irrileva li mill-provi prodotti kien pacifiku bejn il-kontendenti li l-attur kien qieghed isuq quddiem il-konvenut u li ghalhekk min qieghed jsuq wara vettura ohra ghandu vizwali ferm aktar tal-vettura quddiemu

milli vice-versa. Jirrizulta li l-incident sehh fid-direzzjoni tal-Hamrun meta wiehed jaqbez Bieb il-Bombi u l-impatt bejn il-vetturi kien fuq il-genb tax-xellug tax-xarabank tal-konvenut. Leone Schembri jsemmi li ra l-incident isir meta kien bil-qieghda f'tal-linja sejjer ghax-xoghol u ried jinzel fl-i*stage* tal-Bombi ghax jahdem il-Bombi mal-kenniesa. Hu kien gej mill-Hamrun fir-rotta lejn il-Belt u nizel mix-xarabanbk fejn l-i*stage* tal-*flyover* u kif nizel ra l-incident isehh. Semma li dawn it-tnejn kienu gejjin mill-Belt u t-tnejn ghaddew ma' gemb il-mina. Il-Qorti tosserva pero` li l-imsemmi xhud stqarr li l-mutur kien fuq in-naha tad-*driver* u mhux fuq in-naha ta' l-istaffa, izda fuq dan l-aspett Schembri ma jaqbilx maz-zewg kontendenti u anqas mal-iskizz. Biss semma li l-incident hu ma rahx.

"Fin-nota tieghu l-attur ghamel referenza estensiva ghal dak li xehed. L-attur issottometta:

> ""Illi l-kumplament tax-xhieda tal-konvenut ma hiex cara.
> B'mod partikolari:
>
> ""(a) Huwa m' huiex cert fejn ezatt sehh l-incident, cioe' kienx skorra jew le il-mina tal-bombi.
>
> ""(b) Il-verzjoni tal-konvenut tinvolvi illi f' certu punt huwa qabez lill-mutur (b' nofs tul ta' xarabank) izda ghal xi raguni, il-mutur accellera biex rega avvanza (relattivament ghax-xarabank) u wasal sal-istaffa tax-xarabank. Distanza verament ta' ftit piedi, izda ftit piedi f'temp ta' ftit sekondi u kalkolat bejn zewg vetturi, it-tnejn mixjin.
>
> ""(c) Il-konvenut ma jispjegax kif ra lill-mutur tal-esponent tinkonvergi fuq ix-xarabank tieghu.""

"L-attur ipprova jattakka l-kredibilita` tal-konvenut u jghid:

"Illi l-Qrati taghna spiss kienu konfrontanti bil-materja ta' verzjonijiet konfliggenti. Anzi gie ripetutament affermat fil-gurisprudenza taghna illi, *f'kaz ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi*"[1]. Il-gurisprudenza tafferma bhala l-principju gwida il-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Biss fil-gurisprudenza gie ripetutament ritenut illi "*f'sitwazzjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo'*[2]*".*

---

[1] Middle Sea Insurance v Sammut – Appell Civili Inferjuri (26/03/2004)

[2] Grech vs NMJ CO. LIMITED Appell Civili Inferjuri (14/01/2004) u Bugeja v Meilak 30/10/2003 Qorti Civili Prim' Awla

"In effett allura dak generalment iwassal biex jiqties illi ghandu jkun l-attur illi jipprova l-fatti allegati minnu fil-kawza proposta minnu[3]. Biss il-prova rikjesta mill-istess attur huwa dak ta' certezza moralli f' mohh il-gudikant illi hija l-effett ta' bilanc ta' prova[4]."

"Isostni li l-Qorti ghandha bizzejjed certezza morali li jwasslu ghall-konvinciment li l-verzjoni moghtija minnu fil-kawza li tisthoqq illi tigi emnuta u dik tal-konveut tigi mwarrba ghaliex il-verzjoni tieghu taqbel perfettament mal-ftit fatt illi irrizultaw oggettivament f'din il-kawza, tikkonforma perfettament mal-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident u ghaliex hija kompatabbli mal-kondotta naturali ta' sewwieqa ta' vetturi tal-ghamla involuti fl-incident, cioe' mutur illi ma jhajjar xejn lis-sewwieq tieghu li jsuq ghal gewwa l-gemb ta' xarabank ftit pulzieri l-boghod minnu u xarabank, illi jista jinganna lis-sewwieq tieghu dwar il-wisa vera tieghu, partikolarment il-gemb xellugi f'liwja lejn ix-xellug."

"Issa huwa principju ben rikonoxxut mill-Qrati taghna, kif gie ribatut anke fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence *sive* Lolly Mifsud vs Josephine Cacciattolo**[5]:

> ""li rapport peritali jikkostitwixxi prova u bhala tali jista' jigi skartat mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu ormai stabilit anke fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, ir-relazzjoni peritali tikkostitwixxi element ta' prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant[6].""

"Infatti gie ritenut mill-Qorti tal-Appell f'**Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista nomine**[7]:

> ""f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati;""

"Il-konvenut fix-xhieda tieghu ghamilha cara li lill-mutur huwa rah mill-istaffa vicin hafna tax-xarabank wara li sema' mara passiggiera tghajjat.

[3] Qorti Civili Prim' Awla – Giordimaina vs Rizzo (28 ta' April 2004)
[4] Appell Civili Inferjuri – Spiteri vs Spiteri (17/07/2004).
[5] Prim' Awla tal-Qorti Civili, 19 ta' Novembru 2012, deciza minn Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco.
[6] **Camilleri Benjamin Noe vs Debattista Charles Noe**, Qorti tal-Appell Civili Superjuri, 9 ta' Frar 2001, deciza minn S.T.O. Joseph Said Pullicino, Onor. Carmel A. Agius, Onor. Joseph D. Camilleri.
[7] Ibid.

Triq Sant'Anna ghandha tlett karreggjati u li kif wiehed joqrob l-is*lipway* lejn l-Imsida it-tielet karreggjata iddur lejn l-Imsida waqt li dik tan-nofs u dik ta' mas-*centre strip* ikomplu miexjin lejn Blata l-Bajda. Huwa minnu li f'dan il-punt it-triq tissejjah National Road. L-incident sehh f'National Road u mhux fi Triq Sant'Anna.

"Il-parti li ma tmurx lejn l-Msida tkompli sejra dritt fid-direzzjoni tal-Hamrun, u li hemm spazju bizzejjed biex vetturi li jkunu miexin fuq il-karreggjata tax-xellug ikomplu ghaddejjin fid-direzzjoni tal-Hamrun, bhal ma kellu l-intenzjoni li jaghmel l-attur. L-attur zvija fuq il-karreggjata fuq in-naha tal-lemin tieghu, u ghalhekk l-ispazju gie wiehed ristrett u saret il-kollizjoni.

"Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-kawza prossima ta' l-incident *de quo* kienet in-nuqqas ta' *lane discipline* da parti ta' l-attur. Il-Qorti thoss li huwa veru li l-konvenut qabez lill-mutur izda l-mutur ma kienx fuq l-istess karreggjata li kienet fiha x-xarabank izda fil-karreggjata fuq in-naha tax-xellug u cioe` dik ta' hdejn il-bankina. Kien il-mutur li qaleb il-karreggjata u dahal fix-xarabank.

"Gibb fil-ktieb tieghu *Trial of Motor Car Accident Cases* [sezzjoni 101] jittratta dwar id-dover ta' *lane discipline*, fejn jinghad li:

> *""it is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose*;""

"Interessanti dak li gie osservat fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-intervenuta fil-kawza:

> ""Dan l-iskizz juri illi wara li sehh l-incident, il-mutur kien jinstab vicin hafna tax-xarabank li kien f'posizzjoni dritta. **Dana jindika illi x-xarabank ma gibidx lejn il-mutur**; anzi, juri illi qabel ma' sehh l-impatt mal-mutur, kien tant avvicina x-xarabank illi anke wara l-impatt dan baqa' fil-vicinanza tieghu;""

"Fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Pace *et* vs Antoine Bartolo *et***[8], il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn inghad illi:

> ""regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn *lane* ghall-iehor, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna *inconvenience or danger to the other vehicle*. Din l-ewwel Qorti fakkret ukoll illi l-*Highway Code*, fl-Artikolu 76, tissenjala s-segwenti: *Before changing direction reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*;"

[8] 25 ta' Settembru 2006, App. Civ. Nru. 884/1991/1, deciza minn S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano, Onor. Imhallef Anton Depasquale, Onor. Imahllef Albert J Magri.

“Bl-istess mod, l-Artikolu 79 ta’ l-imsemmi Kodici tavza li:

> ““*when changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure it is safe to do so by looking in your mirror*;””

“**D. KONKLUZJONIJIET:**

“Illi ghalhekk il-Qorti thoss li b’ebda mod ma ghandha c-certezza morali biex issib it-talba ta’ l-attur bhala gustifikata u tichadha.

“Spejjez hlief dawk ta’ l-intervenut fil-kawza kontra l-attur (dwar spejjez u l-intervenut fil-kawza ara sentenza tal-Prim’Awla – LFS - Rikors Nru: 1077/09FS deciza fid-29 ta’ Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Azzopardi Alex vs Ellul Anna**).”

Minn din is-sentenza appella allura l-attur li talab li l-Qorti tilqa’ t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-aggravju huwa essenzjalment wiehed u cioe` illi l-ewwel Qorti ma waslitx ghall-konkluzjoni gusta fir-rigward tar-responsabbilita` tal-incident; jghid li strahet fuq il-perizja legali u li s-sentenzi citati fl-istess sentenza appellata kienu jirrigwardaw perizji teknici u li allura l-Qorti kellha taghmel evalwazzjoni aktar profonda tal-istess perizja.

Ghandu jinghad illi hafna punti fir-rikors tal-Appell ghalhekk jirrigwardaw evalwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi illi kellha quddiemha – kompriz il-kredibilita` tax-xhieda. Dwar dan, kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer et v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) (Vol: LXXIX ii 248) “*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si*

*tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

*"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha".* (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011). Madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja".* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014)**.**

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.* Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia v. Farrugia",** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*
>
> "F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddecidi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet *( **Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003)."*

Huwa minnu li s-sentenza msemmija fis-sentenza appellata fir-rigward tal-perizji aktar jirrigwardaw kawzi fejn kien gie nominat perit tekniku; perezempju fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ..., jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli".* Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-

31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Fil-fatt fil-kawza **Fenech utrimque** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 2017 intqal li "*Madankollu wiehed jista' jiddeduci li f'dawn il-kawzi l-Qorti kienu qed jirreferu ghall-perizji teknici u mhux ghal konkluzjonijiet ta' perit legali fejn naturalment il-Qorti li tkun qed tiddecidi l-kawza tkun aktar f'posizzjoni li taghti gudizzju informat fuq l-istess perizja milli meta l-perizja tkun fuq materja li taghha l-Qorti ma tkunx esperta – tant li hija stess innominat espert fil-materja".*

Madankollu wara li nghad dan kollu, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha titbieghed mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Minn ezami tal-iskizz (sija pure approssimattiv kif qalet l-ewwel Qorti) jidher li kien l-attur li xiref fuq il-karregjata li kien ghaddej minnha l-appellat. F'kazi bhal dan, l-iskizz normalment ikun l-unika indikazzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-habta, u hafna drabi ta' kif sehh l-incident. Jidher infatti car li l-appellat Caruana kien ghaddej fuq il-karregjata tieghu, u kienet x'kienet id-dinamika tal-incident, huwa l-appellant stess li spicca fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tal-appellat imsemmi.

Barra minn dan kollu, l-attur kellu l-oneru, kwantu tali, li jikkonvinci l-Qorti li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u l-provi migbura ma jwasslux lanqas lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-appellant ipprova dan. Kif jghid l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura min jallega jrid jipprova – “*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat”* u kif gie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi (ara perezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim’Awla 31 ta’ Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata interament. L-ispejjes tal-appell ikunu wkoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm